**NOMINA TAL-PROF. LINO BIANCO GĦALL-ĦATRA**

**TA’ AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-BOSNJA-ĦERZEGOVINA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

| | **Mistoqsijiet** | **Twegibiet** |
|---|---|---|
| 1. | X’taħseb li huma l-isfidi li għandhom il-Bosnja-Ħerzegovina? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż? X’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f’każ li tinħatar ambaxxatur? | Il-Bosnja-Ħerzegovina huwa stat interessat li jsir membru tal-Unjoni Ewropeja. Oqsma ta` sfida huma is-settur tal-enerġija rinnovabbli, l-informatika u t-turiżmu. L-Unjoni Ewropeja qiegħda tgħin b’għajnuna finanzjarja u b’investimenti fl-oqsma tal-infrastruttura u l-enerġija. Il-binarji li bi ħsiebni naħdem fuqhom, u f’din l-ordni, huma (i) l-edukazzjoni, (ii) il-kultura, (iii) il-kummerċ, u (iv) t-turiżmu. |
| 2. | Bħala ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista’ jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet bejn il-Bosnja-Ħerzegovina u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi? | Ir-rabtiet politiċi u soċjali huma tajba imma hemm ħafna fejn wieħed jista jiżviluppa. Mill-għaxar ‘agreements’ li għadhom effettivi bejn Malta u l-Bosnja-Ħerzegovina, nofshom imorru lura għal meta kienet tifforma parti mir-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja:<br>1. *Ftehim dwar l-Abolizzjoni tal-Viża*, 10 ta’ Jannar 1974;<br>2. *Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru*, 5 ta’ Frar 1975;<br>3. *Ftehim ta' Kooperazzjoni fl-Oqsma tas-Saħħa, ix-Xjenza Medika u l-Ispiżerija*, 28 ta’ Ġunju 1979;<br>4. *Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-Qasam tat-Turiżmu*, 2 ta’ Lulju 1979; u<br>5. *Ftehim ta' Kooperazzjoni Kulturali u Edukattiva*, 16 ta’ Ottubru 1980.<br>L-oħrajn huma essenzjalment protokolli, l-aktar tnejn riċenti iġibu d-data ta’ Ġunju 2010:<br>1. *Protokoll dwar l-istabbiliment ta' Relazzjonijiet Diplomatiċi*, 14 ta’ Ottubru 1995;<br>2. *Protokoll dwar il-Kooperazzjoni bejn l-MFA ta’ Malta u l-MFA tal-Bosnja-Ħerzegovina*, 30 ta’ Ġunju 2004;<br>3. *Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa u l-Bożnja-Ħerzegovina min-naħa l-oħra*, 16 ta’ Ġunju 2008; |

| | | |
|---|---|---|
| | | 4. *Protokoll bejn Malta u l-Bosnja-Ħerzegovina li jimplimenta l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Bosnja u Ħerzegovina dwar ir-Riammissjoni ta' Persuni li joqgħodu mingħajr Awtorizzazzjoni*, 11 ta' Ġunju 2010; u<br>5. *Protokoll bejn il-gvern ta' Malta u l-Kunsill tal-Ministri tal-Bosnja-Ħerzegovina*, 11 ta' Ġunju 2010.<br>Bħal kull relazzjoni umana, il-pedament għal rabtiet b'saħħithom huwa l-fiduċja. L-għan aħħari tiegħi hu li wieħed iħaddem, jekk ikun hemm bżonn iġedded, il-qafas bilaterali li hemm. B'dan il-mod wieħed jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet bejn Malta w l-Bosnja-Ħerzegovina rispettivament. Inizjattivi konkreti li bi ħsiebni nieħu jinkludu:<br>• Edukazzjoni: Ftehim ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja (Universita` ta' Malta, MCAST, ITS, etc) ma' istituzzjonijiet rispettivi ġewwa l-Bosnja-Ħerzegovina; u<br>• Kummerċ: Nistabbilixxi kuntatt dirett u nħeġġeġ delegazzjonijiet ta` natura kummerċjali biex iżżur pajjiżna.<br>Sfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi huma:<br>1. Li Malta jkollha konslu onorarju għall-Bosnja-Ħerzegovina biex wieħed jiffaċilita komunikazzjoni effettiva, il-ġebla tax-xewka għal żvilupp kummercjali, turistiku, etc;<br>2. Titjiriet diretti bejn iż-żewg pajjizi, mod effettiv biex tiffaċilita u ssostni kummerċ, turiżmu, etċ.;<br>3. L-ambaxxatur mhux residenti jżur il-pajjiż għall-inqas għal-ġimgħa, darba kull tliet xhur fis-sena. Ma tistax taħdem mingħajr għodda u żmien. L-aħħar ambaxxatur mhux residenti ghall-Bosnja-Ħerzegovina kien fl-2021. |
| 3. | X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Bosnja-Herzegovina? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi? | In-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Bosnja-Ħerzegovina huma:<br>1. prodotti farmaċewtiċi<br>2. oġġetti tal-ħadid jew tal-azzar, u<br>3. apparati relatati ma` inġinerija mekkanika.<br>Wieħed jista jsaħħaħ r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi billi jkun hemm kommunikazzjoni fil-livell kummerċjali. Importanti li Malta tkun esposta |

| | | |
|---|---|---|
| | | fis-suq tal-Bosnja-Ħerzegovina. Fi żmien kien hemm ftehim ta' kummerċ bejn Malta u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, datat 15 ta' Lulju 1965, imma dan m'għadux effettiv. |
| 4. | Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej? | Ċertament it-trattati li hemm, l-aktar dawk li jmorru lura għal meta l-Bosnja-Ħerzegovina kienet tifforma parti mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, jistgħu jitħaddmu aktar bejn iż-żewġ pajjiżi. Fl-istess qasaf (ezempju, l-Ftehim ta' Kooperazzjoni Kulturali u Edukattiva, 16 ta' Ottubru 1980), jekk jippermetti, wieħed jista jimrah biex ikun hemm akar inizjattivi konkreti, per eżemjpu, 'Memorandum of Undersatnding' bejn l-Akkademja tal-Mediterran għall-Istudji Diplomatiċi f'Malta (MEDAC) u l-istituzzjoni rispettiva gewwa l-Bosnja-Ħerzegovina. |
| 5. | Kif tara li Malta u l-Bosnja-Ħerzegovina jistgħu jikkollaboraw? Jekk iva, hemm xi aspetti partikolari fejn tara dan il-potenzjal? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur? | Malta u l-Bosnja-Ħerzegovina jistgħu jikkollaboraw f'diversi oqsma:<br>1. Turiżmu: iż-żewġ pajjiżi għandhom legati naturali u kulturali diversi;<br>2. Kummerċ: jekk wieħed jara l-istatistika ta` l-aħħar snin jinnota li l-ammonti ta` importazzjoni u esportazzjoni bejn iż-żewg pajjiżi huma negliġibbli;<br>3. Edukazzjoni: ir-rabtiet huma kważi ineżistenti.<br>Ċertament hemm lok li bħala ambaxxatur inħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-setturi kif ghamilt f-pajjiżi oħra fejn kont/qiegħed ambaxxatur mhux-residenti. |
| 6. | Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek? | Wara snin fil-professjoni ta` perit, jien dħalt fil-qasam akkademiku biex nagħti kontribut fil-formazzjoni edukattiva ta` studenti kemm f'Malta u kif ukoll barra min xtutna li qiegħdin iħejju biex jiggraddwaw bħala arkitetti/inġiniera. Fl-istess waqt, mill 2014 sa llum, jien ambaxxatur mhux residenti ta` Malta. |

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

| | **Mistoqsijiet** | **Twegibiet** |
|---|---|---|
| 1. | Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna? | Ċertament it-trattati li hemm, l-aktar dawk li jmorru lura għal meta l-Bosnja-Ħerzegovina kienet tifforma parti mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, jitħaddmu aktar għal benefiċċju taż-żewġ pajjiżi. Fl-istess qasaf (ezempju, l-*Ftehim ta' Kooperazzjoni Kulturali u Edukattiva*, 16 ta' Ottubru 1980), jekk jippermetti, wieħed jista jimrah biex ikun hemm akar inizjattivi konkreti, per |

| | | |
|---|---|---|
| | | eżempju, li jkun hemm 'Memorandum of Undersatnding' bejn l-Akkademja tal-Mediterran għall-Istudji Diplomatiċi f'Malta (MEDAC) u l-istituzzjoni rispettiva ġewwa l-Bosnja-Ħerzegovina.<br>Imma pass ewlieni, u li wieħed irid jaħdem fuqu huwa li Malta jkollha konslu onorarju għall-Bosnja-Ħerzegovina biex wieħed jiffaċilita kommunikazzjoni effettiva 'on the ground'. |
| 2. | Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna? | Sfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi huma:<br>1. Li Malta jkollha konslu onorarju għall-Bosnja-Ħerzegovina biex wieħed jiffaċilita kommunikajoni effettiva, il-ġebla tax-xewka għal żvilupp kummerċjali, turistiku, etc;<br>2. Titjiriet diretti bejn iż-żewg pajjiżi, mod effettiv biex tiffaċilita u ssostni kummerċ, turiżmu, etċ.;<br>3. L-ambaxxatur mhux residenti iżur il-pajjiż għall-inqas għal-gimgħa, darba kull tliet xhur fis-sena. Ma tistax taħdem mingħajr għodda u żmien. L-aħħar ambaxxatur mhux residenti ghall-Bosnja-Ħerzegovina kien fl-2021. |
| 3. | Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna? | Interessi komuni huma l-kummerċ u t-turiżmu, oqsma li ż-żewg naħat jgħożżu. Dawn l-oqsma jistgħu jkunu forċina biex ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex inservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna jitjiebu. |
| 4. | Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż? | Qatt ma żort il-pajjiż li tiegħu ġejt innominat. Jien ma għandi l-ebda rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dan il-pajjiż. |
| 5. | Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità? | Iva: Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp (1987-1996), Kunsill għall-Ippjanar (1996-1998), Bord ta\`l-Appelli (1998-2001), L-Universita\` ta\` Malta (2001-sal-lum), l-Awtorita\` ta\` Djar (2013-2015), WasteServ (2014-2015), General Services Board (2014-sal-lum). Ministeru għall-Affarijiet Barranin (2014-sal-lum). |
| 6. | Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju | Qatt ma kont parti jew ħdimt fill-qrib ma' Segretarjat ta\` Ministru jew Segretarju Parlamentari f'dawn l-aħħar snin. |

| | | |
|---|---|---|
| | Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin? | |
| 7. | Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin? | Iva; fil-kariga ta` ambaxxatur mhux residenti (Repubblika tal-Bulgaria: 2014-2019; Rumanija: 2014-sal-lum; Repubblika tal-Moldova: 2018-sal-lum). |
| 8. | Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek? | Jien ma għandi l-ebda kunflitt ta` interess f'din il-ħatra. |
| 9. | Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor? | Niddikjara li jien m'għandix passaport ta' pajjiż ieħor. |